

32004D0371

22.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 116/39

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' April 2004

dwar il-kondizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' taħlitiet taż-żrieragħ intiżi għall-użu bħala pjanti ta' l-għalf

(notifikata permezz ta' dokument numru K(2003) 1429)

(Test b'relevanza tal-ŻEE)

(2004/371/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żrieragħ tal-pjanti ta' l-għalf⁽¹⁾, u partikolarment it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 13(1) tagħha;

Billi:

- (1) B'segwiment tad-Direttiva 66/401/KEE, iż-żrieragħ f'taħlitiet intiżi għall-użu bħala pjanti ta' l-għalf jistgħu jitqiegħdu fis-suq jekk, b'żieda mad-dispożizzjonijiet dwar is-sigġillar u l-marketing tal-pakketti, il-komponenti varji tat-taħlita għandhom, qabel it-taħlit, ikunu konformi mar-regolamenti tal-marketing tal-Komunità applikabbli dwarhom.
- (2) Sabiex ikun assigurat il-movimenet ħieles tat-taħlitiet taż-żrieragħ għall-użu bħala pjanti ta' l-għalf, il-kondizzjonijiet li jikkonċernaw il-produzzjoni, l-ispezzjoni tal-produzzjoni u l-ittikkettjar ta' tali taħlitiet għandhom ikunu iddeterminati.
- (3) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agricoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni tipprovdi għall-kondizzjonijiet tal-produzzjoni, l-ispezzjoni tal-produzzjoni u l-ittikkettjar ta' taħlitiet ta' żrieragħ intiżi bħala pjanti ta' l-għalf, b'żieda mal-kondizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 66/401/KEE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li d-ditti li jipproduċu taħlitiet taż-żrieragħ:

- (a) ikunu installaw apparat tat-taħlit li jkun jassigura li t-taħlita finali tkun uniformi;
- (b) li jkollhom il-proċeduri xierqa għall-operazzjonijiet kollha tat-taħlit;

(ċ) li jkollhom persuna inkarigata li jkollha responsabbiltà diretta fl-operazzjonijiet tat-taħlit;

(d) li jżommu reġistru tat-taħlitiet taż-żrieragħ intiżi għall-użu bħala pjanti ta' l-għalf.

Artikolu 3

Id-ditti li jkollhom l-intezjoni li jipproduċu taħlitiet taż-żrieragħ għandhom jiddikjaraw ma l-Awtorità referuta fil-punt (A)(l)(c)(2) ta' l-Anness IV tad-Direttiva 66/401/KEE.

- (a) il-persentaġġ tal-komposizzjoni bil-piż tal-komponenti varji murija bl-ispeċje u, meta xieraq, bil-varjeta;
- (b) l-isem tat-taħlita, meta dan ikun mogħti għall-marketing tal-pakketti.

Artikolu 4

1. L-ispezzjoni tal-produzzjoni tat-taħlitiet taż-żrieragħ għandha tkun imwettqa mill-Awtorità referuta fl-Artikolu 3.

2. L-ispezzjoni għandha tkun imwettqa permezz ta':

- (a) kontrolli ta' l-identità u tal-piż totali ta' kull komponent, b'mill-anqas verifiki mingħajr ordni partikolari tat-tikketti uffiċjali li jidentifikaw l-ippakkjar taż-żrieragħ; u
- (b) verifika mingħajr ordni partikolari ta' l-operazzjoni tat-taħlit, inklużi it-taħlitiet finali.

Artikolu 5

L-informazzjoni dettaljata li tikkonċerna l-użu għall-iskopijiet ta' l-għalf għandha tkun indikata fuq it-tikketta uffiċjali u/jew fuq it-tikketta tal-fornitur.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23).